**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 2008/2018**

**Avukat Dr Nicolai Vella Falzon noe**

**vs**

**C2C Ventures Limited**

**Illum, 7 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors (Mandat ta' Inibizzjoni) prezentat fil-11 ta' Dicembru 2018 ai termini tal-Artikolu 876 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (folio 1).

Rat id-digriet tagħha ta' l-istess data fejn laqgħet b'mod proviżorju l-istess mandat (folio 5).

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi ta' l-artikolu tal-Liġi msemmi huwa ċar u daqstant miżmum fil-ġurisprudenza nostrana illi l-elemementi kostituttivi għas-suċċess ta' din it-talba huwa lil kreditur juri li jkun jidher li prima facie għandu jedd. Jedd li l-Qorti trid teżamina minn lat oġġettiv mhux wieħed soġġettiv. Ifisser dan illi jew il-jedd pretiż jidher mad-daqqa t'għajn jew le u dan għal finijiet tal-ħruġ tal-mandat.
Daqstant ieħor huwa miżmum illi l-Qorti għandha tagħti nterpretazzjoni restrittiva in konfront ta' din it-talba, għaliex din il-proċedura hija meqjusa bħala waħda eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali.

L-anqas, u dan marbut ma dak appena magħdud m'għandha tintuża b'mod kapriċċuż, abbusiv u jekk il-kreditur għandu jew jista jsib mod ieħor ta' kawtela.

Meqjus dana kollu, tqies u l-Qorti tgħid dan in partikolari minħabba dak li verbalment ġie sottomess lilha, illi anke kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti l-Bank rikorrenti kreditur ġia huwa ben kawtelat bil-ftehim tal- *Pledge Shares Agreement* kif amandat: ara Dok SC1 u SC2.

Għalhekk għalkemm hawn nieqes l-element ta' preġudizzju rrimedjabbli maħsub taħt l-artikolu 873 tal-Kap 12, pero xorta dan l-att kawtelatorju huwa ta' interpretazzjoni u użu ristrett kif ingħad u m'għandux jintuża meta ġia hemm in operazzjoni kawtela oħra li tiggarantixxi trasferiment jew disposizzjoni ta' ishma kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti.

Konsegwentament tiċħad it-talba.

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**